KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.6.2007
SEG(2007) 810

DOKUMENT TA' ĦIDMA TA' L-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI

Dokument li jakkumpanja l-

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-KUNSILL
dwar l-istallazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni g ħall-ambjent tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
dwar l-istallazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni g ħas-ambjent tas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (SIS)

Valutazzjoni ta' l-impatt fil-qosor

{KUMM(2007) 306 finali}
{KUMM(2007) 311 finali}
{SEG(2007) 809}

Glossarju u abbrevjazzjonijiet

- **L-Istati Membri**: jirreferi għall-istati Schengen li jipparteċipaw fis-SIS 1+, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor
- **SIS**: Sistema ta' Informazzjoni Schengen
- **SIS 1+**: il-verżjoni attwali tas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen
- **SIS II**: Sistema ta' Informazzjoni Schengen tat-tieni ġenerazzjoni
- **SISNET**: l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni attwali ta' l-ambjent ta' Schengen
- **s-TESTA**: Servizzi Trans-Ewropej b'Sigurtà għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – Konsenja ta' infrastruttura ta' komunikazzjonijiet ġestita, protetta u privata taħt Kuntratt ta' Qafas konkluż mill-Kummissjoni f'isimha u f'isem il-Kunsill, l-EUROPOL u l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea.
- **C.SIS**: Il-Funzjoni ta' Appoġġ Tekniku SIS
- **SIRENE**: l-iskambju bilaterali jew multilaterali ta' informazzjoni supplimentari meħtieġa g ħall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Schengen.

Taqsira Eżekuttiva

1. Niddefenixxu l-problema

Bħalissa s-sistemi SIS 1+ u SIRENE joperaw fuq in-netwerk ta' komunikazzjonijiet SISNET. Il-kuntratt attwali għal dawn is-servizzi ta' netwerk SISNET huwa mmexxi f'isem l-Istati Membri mid-Deputat Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill u huwa ffinanzjat b'mod konġunt mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni ġiet informata li l-kuntratt SISNET se jiskadi fit-13 ta' Novembru 2008.

Min-naħa l-oħra, is-SIS II, li ġiet żviluppata bħala sostituta għas-SIS 1+, hi skedata li tibda topera għall-Istati Membri bl-użu tas-SIS 1+ fis-17 ta' Diċembru 2008.

Għalhekk, hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex jiġi garantit servizz ta' netwerk għas-SIS 1+ bejn it-13 ta' Novembru 2008 u d-data meta s-SIS II tibda topera (is-17 ta' Diċembru 2008). Fil-fatt, iż-żona Schengen ta' moviment ħieles mingħajr kontrolli ta' fruntieri hija dipendenti fuq il-ħidma garantita kontinwa u sigura ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u skambju relatat ta' SIRENE.

Fi Frar 2007, il-Kunsill iddeċieda li d-Deputat Segretarju-Ġenerali tiegħu għandu jaġixxi mill-ġdid f'isem l-Istati Membri rilevanti sabiex joħroġ sejħa għall-offerti biex il-kuntratt SISNET jiġ ġedded sabiex jiġi żgurat li s-servizz ikun disponibbli wara Novembru 2008. Madankollu, fid-dawl ta' l-analiżi tal-Kunsill tar-riskji preżenti f'kull proċedura ta' akkwist, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni tfassal il-proposti legali meħtieġa sabiex ikollha soluzzjoni ta' netwerk alternattiv disponibbli għas-sistemi ta' Schengen.

Għalhekk, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni tagħmel proposti malajr kemm jista' jkun biex tipprovdi għall-possibbiltà ta' migrazzjoni tas-SIS 1+ mis-SISNET għal fuq in-netwerk ta' s-TESTA, netwerk sikur ta' komunikazzjoni li hu pprovdut taħt Kuntratt ta' Qafas konkluż mill-Kummissjoni.

2. L-Għanijiet

Minħabba l-kuntest tal-problema, l-għan ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni hu li tipprovdi soluzzjoni temporanja kontinġenti għall-kontinwità ta' operazzjonijiet tas-SIS meta l-kuntratt attwali tas-SISNET jiskadi u sakemm tispiċċa l-migrazzjoni tas-SIS II, f'każ li l-proċedura ta' offerti tal-Kunsill ma tirriżultax fil-konklużjoni ta' xi ftehim jew kuntratt għall-provvista tas-servizzi meħtieġa għall-ambjent tas-SIS.

Din il-proposta tal-Kummissjoni għandha tipprovdi qafas legali għas-soluzzjoni kontinġenti biex tiżgura l-finanzjament u l-ġestjoni tagħha, speċjalment fil-każ li tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u titmexxa mill-Kummissjoni, u għandha tiddefinixxi aktar ir-responsabbilitajiet tal-Kummissjoni, il-Kunsill, l-Istati Membri u kull parti oħra li aġixxi f'isimhom rigward l-ispejjeż u l-ġestjoni ta' l-istallazzjoni u l-ħidma tas-soluzzjoni kontinġenti.

Barra minn hekk, minħabba n-natura kruċjali tas-SIS għaż-żona Schengen mingħajr kontrolli tal-fruntieri interni, is-soluzzjoni kontinġenti għandha tiġi implimentata u tkun operattiva sa mhux aktar tard minn Novembru 2008, id-data ta' l-iskadenza tal-kuntratt kurrenti tas-

SISNET.

Fl-aħħarnett, is-soluzzjoni kontinġenti m'għandhiex timmodifika l-prijoritajiet politiċi għas-SIS II u għalhekk għandha tnaqqas l-interferenza mas-SIS II biex tevita li ddewwem il-migrazzjoni għas-SIS II jew tiddevja r-riżorsi mill-proġett SIS II.

3. L-Għażliet ta' politika

Għażla 1: Status quo - il-Kummissjoni ma tippreżentax proposta legali. Din is-soluzzjoni hija kontinwazzjoni tal-qafas attwali li fih il-Kunsill u l-Istati Membri biss huma responsabbli għas-SIS. Sabiex jiġi stabbilit kuntratt ta' SISNET li jiżgura d-disponibbilità tas-SISNET wara t-13 ta' Novembru 2008, id-Deputat Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill iħejji u jagħti bidu għal sejħa ta' offerti, fil-forma ta' proċedura miftuħa, ristretta jew negozjata. Skond il-konvenzjoni tas-SIS, il-kuntratt se jkun iffinanzjant b'mod konġunt mill-Istati Membri li jipparteċipaw fis-SIS 1+. Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda rwol jew responsabbiltà f'din l-għażla.

Għażla 2: Il-Kunsill jistalla, jopera u jmexxi infrastruttura ġdida ta' komunikazzjoni għas-SIS 1+ permezz ta' kuntratt speċifiku ma' min jipprovdi l-s-TESTA, li għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri flimkien. F'din l-għażla, il-Kunsill jikkonkludi kuntratt speċifiku taħt il-kuntratt ta' qafas s-TESTA bl-għan tas-SIS 1+ ma' l-Istati Membri li jiffinanzjaw dan il-kuntratt speċifiku. Il-kuntratt speċifiku għandu jiġi konkluż mill-Kunsill f'isem il-Komunità, għall-benefiċċju ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fis-SIS 1+.

Għażla 3: Il-Kummissjoni tistalla, topera u tmexxi infrastruttura ġdida ta' komunikazzjoni għas-SIS 1+, permezz ta' kuntratt speċifiku ma' min jipprovdi l-s-TESTA, li għandha tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali ta' l-UE. Biex tistalla infrastruttura ta' komunikazzjoni ġdida għas-SIS 1+, il-Kummissjoni tikkonkludi kuntratt speċifiku taħt il-kuntratt qafas ta' l-s-TESTA li jipprovdi pjattaforma protetta ta' komunikazzjoni tranż-Ewropea bħala miżura orizzontali fl-IDABC (il-forniment interoperabbli ta' servizzi elettroniċi pan-Ewropej tal-Gvern lil amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċ-ċittadini). Bħala riżultat, l-istallazzjoni, il-ħidma u l-ġestjoni ta' l-infrastruttura ta' komunikazzjoni huma r-responsabbiltà tal-Kummissjoni u huma ffinanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-UE. Din l-infrastruttura ta' komunikazzjoni ġdida s-TESTA għas-SIS 1+ ma tindaħalx ma' l-infrastruttura ta' komunikazzjoni s-TESTA għals- żSIS II.

4. Stima ta' l-Impatt u l-analiżi tar-riskju

Status Quo (Għażla 1) hija s-soluzzjoni preferita f'kull rispett. Din is-soluzzjoni hija waħda li diġà ġiet ipprovata u effettiva finanzjarjament b'qafas legali ċara u struttura ta' governanza ċara. Il-livell ta' riskju ta' din is-soluzzjoni huwa baxx.

Fl-**Għażla 2**, il-Kunsill jistalla, jopera u jmexxi infrastruttura ġdida ta' komunikazzjoni għas-SIS 1+ permezz ta' kuntratt speċifiku taħt il-kuntratt qafas ta' l-s-TESTA, bl-għan tas-SIS 1+ ma' l-Istati Membri li jiffinanzjaw dan il-kuntratt speċifiku b'mod konġunt bl-użu ta' baġit intergovernattiv. Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda responsabbiltà f'din is-soluzzjoni u m'hemmx impatt fuq il-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

Din is-soluzzjoni tippreżenta riskji mil-lat ta' dewmien fl-implimentazzjoni teknika, li huma simili għar-riskji ta' l-Għażla 3 hawn taħt.

Barra minn hekk, hemm riskju għoli ħafna li l-istrument legali li jenħtieġ għall-Għażla 2 jista' ma jiġi adottat qatt, minħabba l-fatt li s-Servizz Legali tal-Kunsill jikkuntesta l-legalità ta' din l-għażla, u li b'hekk il-Kunsill eskludiha. B'hekk, fil-prattika, din l-għażla hija diffiċli li tiġi implimentata.

Għażla 3 – Istallazzjoni mill-Kummissjoni ta' infrastruttura ġdida ta' komunikazzjoni għas-SIS 1+ permezz ta' kuntratt speċifiku ma' min jipprovdi l-s-TESTA, li għandha tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali ta' l-UE tippreżenta riskji fir-rigward ta' dewmien mil-lat legali u mil-lat tekniku u fir-rigward ta' l-ambigwità tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Barra minn hekk, din l-għażla għandha impatt negattiv fuq il-migrazzjoni għas-SIS II. L-implimentazzjoni tagħha tiddevja r-riżorsi umani u finanzjarji mill-proġett SIS II fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri, u ddewwem il-bidu tas--SIS II u b'hekk tikkontradixxi l-prijorità politika assoluta mogħtija lis--SIS II u fl-istess ħin tinjora l-investiment enormi uman u finanzjarju li diġà sar fis-SIS II. Id-dewmien li jirriżulta għall-migrazzjoni għas-SIS II jista' jammonta għal mill-inqas 6 xhur, u, bħala riżultat, il-Kummissjoni jkollha tipproponi mandat ġdid għall-migrazzjoni għas-SIS II li jkopri 2009.

Barra minn hekk, l-ispejjeż tas-soluzzjoni għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea huma sproporzjonati b'rispett għall-għanijiet.

Ir-riskji għoljin ħafna involuti fl-Għażla 3 ifissru li n-nuqqas ta' suċċess huwa probabbli ħafna, li jkun ta' dannu kbir għall-partijiet kollha involuti.

5. Rakkomandazzjoni

Għalkemm l-Għażla 1 hija bla dubju l-aħjar għażla u ma tippreżentax problemi kbar, hemm riskji inerenti f'kull proċedura ta' offerta. Bi ftehim mal-Kunsill, il-Kummissjoni tagħraf li huwa neċessarju li jkun hemm soluzzjoni alternattiva. Hu diffiċli ferm iżżomm żona mingħajr kontrolli interni tal-fruntieri għal kwalunkwe tul ta' żmien mingħajr il-ħidma tas-SIS u l-iskambju relatattas-SIRENE. In-nuqqas fit-tul tad-disponibbiltà tagħhom, li jseħħ jekk ma jkun hemm l-ebda netwerk ta' komunikazzjoni disponibbli, jirriżulta fl-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli ta' fruntieri interni.

Għalhekk, fil-każ li l-proċedura ta' sejħa għall-offerti li nbdiet mid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ma tirriżultax fil-konklużjoni ta' xi ftehim jew kuntratt għall-provvista tas-servizzi meħtieġa għall-ambjent tas-SIS, l-unika għażla li tibqa' tkun l-Għażla 3, minħabba l-fatt li l-Għażla 2 ġiet eskluża mill-Kunsill u b'hekk tkun diffiċli ħafna titwettaq.

Ir-rakkomandazzjoni hija li l-Kummissjoni timpenja ruħha fit-tħejjijiet kollha meħtieġa għall-Għażla 3, anke jekk l-istima ta' l-impatt mhijiex favorevoli, iżda li l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni proposta fl-Għażla 3 sseħħ biss fil-każ tan-nuqqas ta' suċċess ta' Għażla 1, u bil-kundizzjoni ta' l-eżawriment preċedenti tal-mezzi kollha possibbli biex jittawwal il-kuntratt SISNET.